**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Saviour Gaffarena**
**Christian Parnis**

Illum 29 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Saviour Gaffarena, ta' 22 sena, iben Innocent u Chaterine nee' Catania, imwieled Pieta', fil-21 ta' Settembru 1992 u residenti 18 Triq ic-Cavi, Mqabba, detentur tal-karta tal-identita' 449592(M) u Christian Parnis ta' 29 sena, iben Charles John u Josephine nee' Bezzina, imwieled Pieta' fid-29 ta' April 1985 u residenti 3 Triq il-Parrocca Mqabba u detentur tal- karta tal-identita' 249985(M)

Talli fil-lejl ta' bejn il-21 u it-22 ta' Awissu 2010 gewwa, Qrendi ikkommettejtu serq ta' armi tan-nar, oggetti tad-deheb u flus kontanti fost affarijiet ohra ghad-dannu ta' Emmanuel Busuttil u persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn u mitejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€2239.24), aggravat ukoll bil-mezz, lok u hin;

U aktar talli matul ix-xahar ta' Settembru 2010 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentamnet, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghom jew imexxihom;

Lil Christian Parnis wahdu talli matul ix-xahar ta' Ottubru 2010, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pusses tieghu biljetti tal-flus iffalsifikati meta kien jaf l-istess huma iffalsifikati.

Lil Christian Parnis wahdu talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti gentilment mitluba li tikkunsidra l-imputat Christian Parnis bhala li kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-istess Onorabbli Qorit meta nhar is-7 ta' Dicembru 2006 kien gie misjub hati mill-Magistrat A Mizzi LL.D. ta' pusseSs ta' flus foloz kif ukoll akkuzi ohra u giet imposta fuqu bhala sentenza ta' sentejn prigunerija sopizi ghal erbgha snin.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex

ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikou 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-1 ta' Gunju 2016 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reati ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-€2,239.24, bil-mezz, lok u hin u ricettazzjoni. L-imputat Parnis wahdu jinsab akkuzat li kien fil-pussess ta' biljett tal-flus iffalisikat, li huwa recediv u li kkommetta tali reati fil-perjodu ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

Jirrizulta mill-proces verbal[1] ezebit u mix-xhieda prodotti[2] li bejn il-lejl tal-21 ta' Awwissu 2010 u l-ghada filghodu twettqet serqa fil-fond 21,

[1] Dok CF
[2] Xhieda ta' Emanuel Busuttil u Karl Busuttil fis-seduta tad-29 ta' April 2015

'Skylark', Triq it-Tempesta, Qrendi. F'din id-dar, dak iz-zmien, kienu ighixu l-konjugi Emanuel u Marie Busuttil u t-tlett uliedhom. Fid-data tas-serqa l-konjugi Busuttil u binhom Karl kienu qeghdin ighixu f'villegjatura. It-tifla kienet harget u t-tifel l-iehor kien mar Ghawdex. Ghalhekk ghal tul ta' hin ma kien hemm hadd id-dar. F'din is-serqa insterqu diversi oggetti fosthom oggetti elettronici, armi tan-nar li kienu jappartjenu lil Karl Busuttil, gojjelerija u oggetti ohra. B'kollox il-valur totali li indika l-espert, il-Perit Richard Aquilina, fir-rapport tieghu kien ta' madwar €15,000. Emanuel Busuttil fix-xhieda tieghu qal li l-valur kien madwar €17,000.

Karl Busuttil apparti li xehed dwar it-taqlib li kien hemm fid-dar u xehed dwar l-armi il-valur tal-armi tan-nar li kienu tieghu, xehed li bejn wiehed u iehor wara li kien ghadda xahar mis-serqa certu wiehed Keith kien avvicinah u qallu li kellu informazzjoni x'jaghtih u qallu li kellu wkoll xi affarijiet minn taghhom. Huwa urih oggetti bhal deheb, affarijiet ta' kompjuters u x-xhud ikkonferma li kienu tal-membri tal-familja tieghu u tieghu. Dan Keith qallu wkoll li l-imputati kellhom l-affarijiet li nsterqu mir-residenza tal-familja ghandhom. B'hekk ix-xhud mar ghand l-Ispettur Cordina. Keith kien tah l-oggetti u min-naha tieghu x-xhud ghaddihom lill-pulizija u wara mandat ta' tfittxija nstabu xi oggetti ohra fil-pussess ta' Keith. Dan Keith tah informazzjoni li kien hemm persuna involuta fis-serqa li spjega lill-imputati x'kellhom jaghmlu. Ix-xhud irkupra wkoll senter minghand haddiehor. Huwa kkonferma li l-oggetti li nstabu gew ritornati lilu u lill-familtu. Qal ukoll li kien tressaq wiehed Ingliz in relazzjoni mas-serqa izda ma ftakarx x'kien jismu. L-imputati huma hbieb ma' dan l-Ingliz.

Keith Magro min-naha tieghu xehed[3] li l-proceduri fil-konfront tieghu kienu ghaddew in gudikat. Huwa xehed li xtara xi affarijiet fosthom nintendo, loghba u mowbajl. li dak iz-zmien ma kienx jaf li kienu misruqin. Wara xi ftit jiem li xtrahom cemplulu l-pulizija u sar jaf li l-oggetti kienu insterqu minghand il-habib tieghu Karl. Huwa ta mill-ewwel l-affarijiet lill-pulizija. Mistoqsi minn ghand min xtara l-affarijiet

[3] Seduta tad-29 ta' April 2015

spjega li dak iz-zmien huma kienu jkunu grupp u xtrahom minghand wiehed mhux Malti x'aktarx Ingliz. Huwa jaf lill-imputati billi huma kienu jkunu mal-persuna li bieghitlu l-oggetti. Kienu jiltaqghu – inkluz ix-xhud – filghaxija jixorbu flimkien. Qal li meta xtara l-affarijiet minghand l-Ingliz l-imputati kienu mieghu. Kienu jkunu grupp. In kontro-ezami kkonferma li l-oggetti xtrahom minghand l-Ingliz.

Keith Magro gie riprodott bhala xhud[4] u gie mistoqsi biex jghid minghand min xtara l-affarijiet. Huwa qal li meta xtara l-affarijiet l-Ingliz, l-imputati, diversi nies ohra u x-xhud kienu fuq mejda u l-Ingliz qallu li kellu xi affarijiet ghall-bejgh u billi kienu prezz tajjeb xtrahom. Dan ma qallux minn fejn kien gab dawn l-affarijiet. Sussegwentement iltaqghu fejn il-Gibjun, l-imputati u xi persuna ohra kienu hemm mal-Ingliz li min-naha tieghu kien ha l-affarijiet go basket. Kien l-Ingliz li ftiehem mieghu fejn kellhom jiltaqghu u fix-hin. Il-flus tal-oggetti tahom lill-Ingliz. In kontro-ezami filwaqt li kkonferma li hallas lill-Ingliz sostna li l-imputati kienu prezenti u jafu x'gara.

L-espert Joseph Mallia li ezamina l-l-lifters li gew elevati mix-xena tad-delitt u wettaq ezami komparattiv mal-fingerpints u palmprints tal-imputati pprezenta r-rapport tieghu[5] minn fejn jemergi li kien hemm impronti tajbin ai fini ta' komparazzjoni u ohrajn li ma kienux. Mill-impronti li kienu tajbin ghal komparazzjoni l-ebda wahda ma rrizultat li taqbel mal-imputati jew wiehed minnhom.

Gew ezebiti zewg sentenzi fil-konfront ta' Keith Magro u Jordan Leli Brown li pero' ma jitfghu l-ebda dawl fuq il-fatti tal-kaz. Jordan Leli Brown ma nstabx u ghalhekk ma xehedx f'dawn il-proceduri.

[4] Seduta tal-14 ta' Ottubru 2015
[555] Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016

Minn tali rizultanzi processwali l-ewwel zewgt imputazzjonijiet ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Inkwantu ghas-serq ma gie ppruvat l-ebda konnessjoni bejn l-imputati u s-serqa li twettqet. Il-fatt wahdu li l-imputati kienu jkunu fil-kumpanija ta' Jordan Leli Brown li ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fir-rigward ta' din is-serqa ma jfissirx li l-imputati kienu necessarjament involuti huma wkoll.

Inkwantu ghar-reat ta' ricettazzjoni lanqas ma gie ppruvat li l-imputati kellhom fil-pussess taghhom oggetti li nsterqu mid-dar tal-konjugi Busuttil. Ix-xhud Keith Magro - li ammetta li xtara xi oggetti li nsterqu mir-residenza tal-konjugi Busuttil - xehed li huwa kien ftiehem ma' wiehed maghruf bhala l-Ingliz li kien qallu li kellu oggetti ghall-bejgh u billi l-prezz kien wiehed konvenjenti ghax rahom irhas iddecieda li jixtrihom minghandu. Il-kliem sabiex jinxtara dawn l-oggetti sar quddiem diversi nies inkluzi l-imputati billi kienu kollha fuq mejda jixorbu. Anki l-oggetti inghataw lil Magro fil-presenza tal-imputati mill-istess ragel maghruf bhala l-Ingliz. Fid-dawl ta' dan l-ebda wiehed mill-imputati ma jista' jinstab hati ta' ricettazzjoni ghaliex il-fatt li l-oggetti inghataw quddiemhom u sar il-ftehim ghall-bejgh quddiemhom ma jwassalx ghal sejbien ta' htija ghaliex prova li kienu a konoxxenza tal-provenjenza tal-oggetti ma ngabitx.

Inkwantu ghat-tielet reat addebitat lil Christian Parnis wahdu, l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju datata 1 ta' Gunju 2016 indika l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu thassar bl-Att XLIX.2016.4 sussegwenti ghan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. Jigi rilevat izda li ghalkemm dan l-artikolu thassar mill-Kapitolu 204 ir-reat *ut sic* baqa' jezisti tant li insibu l-istess reat jidher li gie trasportat ghall-Kodici Kriminali fl-artikolu 188D tal-Kodici Kriminali. Id-difiza sostniet li ladarba l-artikolu indikat thassar kwindi l-imputat ma jistax jinstab hati.

Il-Qorti se tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Virginia Mifsud**, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:

"Attesocche e` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio, si deve applicare la legge piu` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta` dell'imputato. Si veda "Retroattivita della Legge" di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il Gabba quivi citato; Cheaveu et Helie "Teorica del Codice Penale (traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38; Merlin "Repertorio Effetto Retroattivo" paragrafo 11 n. 1; Dalloz: "Repertorio" voce Legge n. 874; Biblioteca del Diritto (versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) – Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13);

Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Agostino Bugeja**:

"Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-

1. La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;

2 Il-Qorti hawnhekk kienet qeghda taghmel referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminal fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bondin**, deciza fil-25 ta' Ottubru 1984.

2. Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente;

3. Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge.

Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell'articolo 28, pel quale e` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara` sempre applicata quella di qualita` meno grave.

4 Invero l'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che, cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali che nel confronto apparisca piu` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu` reato: di logica, perche` maggior mitezza puo` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu` che diminuire elimini qualsiasi pena".

Kif diga' gie rilevat ir-reat baqa' jezisti fil-ligi u inoltre' anke l-piena baqghet l-istess. Ghalhekk fil-kaz mertu tal-proceduri odjerni l-Qorti ghandha tikkunsidra dwar jekk l-imputat hux hati tar-reat addebitat lilu.

L-uniku provi li ingabu fir-rigward ta' din l-imputazzjoni huma l-fatt li giet elevata minghand l-imputat Parnis karta tal-flus fl-ammont ta' €50, li mir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti rrizultat li kienet falza. Biss pero' ma giex ippruvat li l-imputat kien jaf li kienet falza li huwa wiehed mir-rekwiziti mehtiega sabiex tinstab htija.

Billi l-imputazzjonijiet l-ohra fil-konfront ta' Christian Parnis huma konsegwenzjali u ladarba l-Qorti ma sabitx htija f'ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu jsegwi li huwa ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni numri erbgha u hamsa.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u minnhom tilliberahom.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**